MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2009

Avviz Numru. 29/2009

**M. Demajo (Wines & Spirits) Ltd (C 2521)**

**Vs**

**Casanova Limited (C 41739)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghall-kundanna tas-socjeta' intimata ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, mitejn u disgha u tmenin euro u ghoxrin centezmi (€4,289.20) rapprezentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata, kif jidher mill-prospett hawn anness u mmarkat Dok 'A'.

Bl-ispejjez inkluz dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imghax legali kontra l-istess socjeta' intimata mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' intimata li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' rikorrenti fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment is-socjeta' intimata naqset u ma dehritx la fis-6 ta' Mejju 2009 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' rikorrenti. Bl-ispejjez kontra s-socjeta' intimata fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------